31985R3717

31.12.1985 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 360/14

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3717/85
tas-27 ta' Diċembru 1985
li jippreskrivi ċerti miżuri tekniċi u ta' kontroll li għandhom x'jaqsmu ma' l-attivitajiet tas-sajd fl-ibħra Spanjoli ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Portugall

IL-KUMMISSJONI TA' KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall, u partikolarment l-Artikolu 165(7) tiegħu,

Billi proċeduri tekniċi jridu jiġu stabbiliti għall-istabbilizzazzjoni u s-sorveljanza tal-bastimenti Portugiżi awtorizzati li jistadu fl-ibħra Spanjoli;

Billi l-Att ta' Adeżjoni jipprovdi għal sistema ta' listi ta' bastimenti awtorizzati u għal sistema li tgħarraf il-movimenti tal-bastimenti u l-qabdiet, b'żieda mad-disposizzjonijiet preskritti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2057/82 tad-29 ta' Ġunju 1982, li jistabbilixxi ċerti miżuri ta' kontroll għal attivitajiet tas-sajd minn bastimenti ta' l-Istati Membri [1] kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1729/83 [2];

Billi n-numru ta' bastimenti awtorizzati biex jistadu għal tonn *albacore* se jiġi deċiż qabel l-1 ta' Marzu 1986 bi qbil mal-proċedura riferita fl-Artikolu 165(6) ta' l-Att ta' Adeżjoni;

Billi huwa għalhekk meħtieġ li jiġu adottati ċerti miżuri tekniċi għall-konservazzjoni ta' risorsi li għandhom jiġu applikati mingħajr preġudizzi l-miżuri preskritti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 171/83 tal-25 ta' Jannar 1983 li jippreskrivi ċerti miżuri tekniċi għall-konservazzjoni ta' risorsi tas-sajd [3], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 3625/84 [4];

Billi skond l-Artikolu 2(3) tat-Trattat ta' Adeżjoni l-istituzzjonijiet tal-Komunità jistgħu jadottaw qabel is-sħubija l-miżuri riferiti fl-Artikolu 165 ta' l-Att, dawn il-miżuri jidħlu fis-seħħ biss bla ħsara għal u mad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dak it-Trattat,

Billi l-Kumitat tat-Tmexxija għal Risorsi tas-Sajd ma tax opinjoni fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-miżuri tekniċi u ta' kontroll minn issa 'l quddiem preskritti għandhom japplikaw għal bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Portugall fl-ibħra li jidħlu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' Spanja li huma koperti mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) u dik il-parti koperta mill-Kumitat tas-Sajd fl-Atlantiku għall-Lvant Ċentrali (CECAF) li hija bla ħsara għall-Politika Komuni tas-Sajd.

Artikolu 2

1. Kull sena, mhux aktar tard minn xahar qabel il-bidu tal-perjodu tas-sajd awtorizzat konċernat, l-awtoritajiet Portugiżi għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni l-"listi bażiċi" tal-bastimenti li jistgħu jeżerċitaw l-attivitajiet ta' sajd riferiti fl-Artikolu 162(2) ta' l-Att ta' Adeżjoni. Lista separata għandha tintbagħat għal kull waħda mill-kategoriji ta' bastiment li ġejjin:

— bastimenti li qed jistadu għall-merluzz, speċi demersali oħra u sawrell ta' għajnejh kbar fin-Nord tal-fruntiera tar-*Rio Minho*,

— bastimenti li qed jistadu għall-merluzz, speċje demersali oħra u sawrell ta' għajnejh kbar fil-Lvant tal-fruntiera tar-*Rio Guadiana*,

— bastimenti li qed jistadu għal migranti kbar oħra għajr it-tonn (pixxispad, ħuta kaħla, *Ray's bream*),

— bastimenti li qed jistadu għat-tonn ta' *albacore*.

2. Il-listi riferiti fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu riveduti b'effett mill-ewwel ġurnata ta' kull xahar; kull tibdil għandu jiġi mgħarraf lill-Kummissjoni sal-15-il jum tax-xahar preċedenti.

3. Il-listi riferiti fil-paragrafu1 għandhom jipprovdu t-tagħrif li ġej dwar kull bastiment:

— l-isem tal-bastiment,

— in-numru ta' reġistrazzjoni,

— l-ittri u n-numri ta' identifikazzjoni fuq barra,

— il-port tar-reġistrazzjoni,

— l-isem(ismijiet) u l-indirizz(i) tas-sid(sidien) jew kerrej(a) u, jekk is-sid ikun korp ġuridiku jew sħubija, ir-rappreżentant(i) tiegħu,

— it-tunnellaġġ metriku gross u t-tul totali,

— qawwa tal-magna,

— is-sinjal tas-sejħa u l-frekwenza bir-radjo.

[1] ĠU L 220, tad-29.7.1982, pġ. 2.
[2] ĠU L 169, tat-28.7.1983, pġ. 14.
[3] ĠU L 24, tas-27.1.1983, pġ. 14.
[4] ĠU L 335, tat-22 12. 1984, pġ. 3.

Artikolu 3

1. L-awtoritajiet Portugiżi għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni u, għal għanijiet ta' tagħrif, lill-awtoritajiet ta' kontroll Spanjoli msemmija f'punt 7 ta' l-Anness, il-proposti għal-"listi perjodiċi" ta' bastimenti riferiti fl-Artikolu 165(2) ta' l-Att ta' Adeżjoni, li jispeċifikaw, fuq il-bażi tar-rati ta' konverżjoni definiti fl-Artikolu 158(2) ta' l-Att ta' Adeżjoni, il-bastimenti li jistgħu jistadu fl-istess ħin f'konformita ma' l-Artikolu 165 ta' l-Att imsemmi.

Lista separata għandha tintbagħat għal kull waħda mill-kategoriji ta' bastimenti speċifikati fl-Artikolu 2.

2. Bl-eċċezzjoni tal-lista ta' bastimenti li jistadu għal migranti oħra għajr it-tonn u l-lista ta' bastimenti li qed jistadu għal tonn ta' l-*albacore*, il-listi għandhom jintbagħtu kull ġimgħa permezz tat-telex qabel 12.00 *GMT* il-Ħamis. Il-listi għandhom japplikaw minn 00.00 *GMT* il-Ħadd sa 24.00 *GMT* is-Sibt ta' wara.

Il-lista ta' bastimenti li jistadu għal migranti kbar oħra għajr tonn u l-lista ta' bastimenti li jistadu għal tonn *albacore* għandha tintbagħat mill-inqas 15-il-ġurnata tax-xogħol qabel id-data dikjarata għad-dħul fis-seħħ tagħhom; dawn il-listi għandhom ikopru perjodu ta' mill-inqas xahrejn kalendarji. In-numru ta' bastimenti fuq il-lista ta' bastimenti li jistadu għal tonn *albacore* ma jistax jeċċedi n-numru dikjarat mill-Kunsill bi qbil mal-proċedura riferita fl-Artikolu 165(6) ta' l-Att ta' Adeżjoni.

3. Kull waħda mil-listi perjodiċi għandha tipprovdi t-tagħrif li ġej dwar kull bastiment:

— l-isem u n-numru ta' reġistrazzjoni tal-bastiment,

— is-sinjal tas-sejħa,

— l-isem(ismijiet) u l-indirizz(i) tas-sid(sidien) jew kerrej(a) u, jekk is-sid ikun korp ġuridiku jew sħubija, ir-rappreżentant(i) tiegħu,

— ir-rata ta' konverżjoni speċifikata fl-Artikolu 158(2) ta' l-Att ta' Adeżjoni,

— il-metodu maħsub tas-sajd,

— l-erja maħsuba għas-sajd.

— fil-każ ta' bastimenti li qed jistadu għal tonn ta' l-*albacore* u migranti oħra, kbar, il-perjodu li fih jintalab permess għas-sajd.

4. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-proposti għal listi perjodiċi riferiti fil-paragrafu 1 u għandha tapprova listi perjodiċi, li għandha tibgħat lill-awtoritajiet Portugiżi u lill-awtoritajiet kompetenti Spanjoli ta' kontroll:

— qabel 12.00 *GMT* il-Ġimgħa ta' wara, minbarra fil-każ tal-lista ta' bastimenti li qed jistadu għal migranti kbar oħra għajr it-tonn u l-lista ta' bastimenti li qed jistadu għal tonn ta' l-*albacore*;

— mill-inqas erbat ijiem tax-xogħol qabel id-data dikjarata għad-dħul fis-seħħ tagħhom, fil-każ tal-lista ta' bastimenti li qed jistadu għal migranti kbar oħra għajr it-tonn u l-lista ta' bastimenti li qed jistadu għal tonn ta' l-*albacore*.

5. Jekk il-Kummissjoni mhijiex fil-pussess ta' proposti għal listi perjodiċi ġodda fil-limitu taż-żmien speċifikat fil-paragrafu 2, id-disposizzjonijiet fis-seħħ fl-aħħar jum tal-perjodu kurrenti għandhom jibqgħu applikabbli sakemm listi ġodda jkunu tfasslu bi qbil mal-proċedura preskritta f'dan l-Artikolu.

6. L-awtoritajiet Portugiżi jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni biex ibiddlu bastiment msemmi fuq lista perjodika imma li għal raġunijiet ta' forza maġġuri ma tistax tistad matul il-perjodu speċifikat, jew xi parti minnu, u fejn il-lista perjodika tikkontjeni inqas bastimenti min-numru massimu awtorizzat biex jistad fl-istess ħin, biex iżidu bastiment wieħed jew aktar, basta li ma jinqabiżx in-numru massimu msemmi.

Kull bastiment mibdul jew miżjud irid jidher fuq il-lista riferita fl-Artikolu 2.

Talbiet għal bdil jew żidiet għandhom jintbagħtu permezz ta' telex lill-Kummissjoni u kopja għandha tintbagħat lill-awtoritajiet Spanjoli ta' kontroll.

Il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tgħarraf kull bdil fil-listi perjodiċi lill-awtoritajiet Portugiżi u lill-awtoritajiet Spanjoli ta' kontroll.

L-ebda bastiment li jibdel jew bastimenti addizzjonali ma jista' jkun awtorizzat biex jistad sad-data indikata mill-Kummissjoni fin-notifika tagħha.

Artikolu 4

Bastiment jista' jidher fuq aktar minn lista bażika waħda. Bastiment jista jidher fuq lista perjodika waħda biss.

Artikolu 5

1. Bastimenti awtorizzati biex jistadu għat-tonn ta' l-*albacore* ma jistgħux iżommu abbord xi ħut jew prodotti mill-ħut oħra għajr *Thunnidae*, bl-eċċezzjoni ta' inċova maħsuba għall-użu bħala lixka ħajja, basta li l-kwantitajiet strettament meħtieġa għal dan il-għan ma jinqabżux.

2. Bastimenti awtorizzati biex jistadu għal *Ray's bream* ma jistgħux iżommu abbord xi ħut jew prodotti mill-ħut oħra għajr dawn l-ispeċi, bl-eċċezzjoni ta' l-ispeċi maħsuba għall-użu bħala lixka ħajja basta li l-kwantitajiet strettament meħtieġa għal dan il-għan ma jinqabżux.

Artikolu 6

Il-kaptani jew, kif ikun meħtieġ, is-sidien ta' bastimenti awtorizzati biex jistadu jridu jikkonformaw mal-kondizzjonijiet speċjali preskritti fl-Anness. Il-Kummissjoni għandha temenda, fuq l-irċevuta ta' proposta mill-Istat Membru konċernat, id-dettalji li għandhom x'jaqsmu ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' kontroll riferiti f'punt 7 ta' l-Anness.

Artikolu 7

Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KEE) Nru 171/83 u bl-eċċezzjoni ta' bastimenti li qed jistadu għall-merluzz, speċi demersali oħra u sawrell ta' għajnejh kbar (*horse mackerel*), il-miżuri li ġejjin għandhom japplikaw għal bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Portugall:

(a) l-użu ta' xbieki *gill* għandu jiġi projbit;

(b) bastimenti m'għandhomx iżommu abbord l-ebda tagħmir tas-sajd ieħor għajr dak meħtieġ għat-tip ta' sajd li għalih huma awtorizzati;

(ċ) kull bastiment għas-sajd bil-konz twil (*longliner*) m'għandux iwaddab aktar minn żewġ *longlines* kull jum; it-tul massimu ta' kull wieħed minn dawn il-*longlines* għandu jkun ta' 20 mil nawtiku; id-distanza bejn ħarir tax-xlief m'għandux ikun inqas minn 2,70 m;

(d) bastimenti li qed jistadu għal *Ray's bream* ma jistgħux iżommu abbord l-ebda tagħmir tas-sajd ieħor għajr *longlines* tal-wiċċ.

Artikolu 8

L-awtoritajiet Portugiżi għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni, qabel il-15-il jum ta' kull xahar, bil-kwantitajiet maqbuda minn kull bastiment li qed jistad għat-tonn ta' l-*albacore* u l-kwantitajiet imniżżla l-art minn dawn il-bastimenti f'kull port matul ix-xahar preċedenti.

Artikolu 9

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 1986 bla ħsara għad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-27 ta' Diċembru 1985.

Għall-Kummissjoni

Frans ANDRIESSEN

Viċi-President

ANNESS

KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI LI JRIDU JIĠU MĦARSA MINN BASTIMENTI PORTUGIŻI AWORIZZATI GĦAS-SAJD FL-IBĦRA SPANJOLI.

A. **Kondizzjonijiet li jridu jiġu mħarrsa mill-bastimenti kollha**

1. Kopja ta' dawn il-kondizzjonijiet speċjali trid tinżamm abbord il-bastiment.

2. L-ittri u n-numri fuq barra ta' identifikazzjoni tal-bastimenti liċenzjati jridu jiġu mmarkati b'mod ċar fuq in-naħa tal-pruwa tal-bastiment fiż-żewġ naħat u fuq kull naħa ta' l-istruttura ta' fuq tal-bastiment fejn jistgħu jidhru l-aħjar.

   L-ittri u n-numri għandhom jinżebgħu b'kulur li jagħmel kuntrast ma' dak tal-buq jew l-istruttura ta' fuq tal-bastiment u m'għandhomx jiġu mħassra, mibdula, koperti jew oskurati mod ieħor.

B. **Kondizzjonijiet addizzjonali li jridu jiġu mħarsa mill-bastimenti kollha, minbarra dawk li qed jistadu għat-tonn ta' l-albacore u migranti kbar oħra għajr it-tonn**

3. Il-bastimenti kollha awtorizzati biex jistadu għandhom jikkomunikaw lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali ta' kontroll speċifikati f'punt 7 tagħrif mitlub skond il-punt 7, bi qbil ma' l-orarju li ġej:

3.1.1. f'kull okkażjoni illi l-bastiment jidħol fiż-żona tal-200 mil nawtiku mix-xtut ta' Spanja;

3.1.2. f'kull okkażjoni illi l-bastiment jitlaq miż-żona tal-200 mil nawtiku mix-xtut ta' Spanja;

3.1.3. f'kull okkażjoni illi l-bastiment jimxi minn sub-erja waħda ta' l-*ICES* jew *CECAF* għal oħra fiż-żoni definiti f'3.1.1 u 3.1.2;

3.1.4. f'kull okkażjoni illi l-bastiment jidħol f'port Spanjol;

3.1.5. f'kull okkażjoni illi l-bastiment jitlaq minn port Spanjol;

3.1.6. qabel il-bidu ta' operati tas-sajd (komunikazzjoni "attiva");

3.1.7. mat-tlestija ta' operati tas-sajd (komunikazzjoni "passiva").

3.1.8. kull ġimgħa, li tibda jew id-data li fiha l-bastiment daħal l-ewwel fiż-żona riferita f'3.1.1 hawn fuq jew fid-data li fiha l-bastiment telaq minn wieħed mill-portijiet riferiti f'3.1.5 hawn fuq.

4. Messaġġi trasmessi skond il-punt 3 hawn fuq għandhom jinkludu t-tagħrif li ġej:

   — id-data u l-ħin tal-messaġġ,

   — l-isem tal-bastiment,

   — is-sinjal tas-sejħa,

   — l-ittri u n-numri fuq barra ta' identifikazzjoni,

   — in-numru tas-serje tal-messaġġ għall-vjaġġ imsemmi;

   — indikazzjoni tat-tip ta' messaġġ waqt li jitqiesu l-punti varji msemmija f'punt 3,

   — il-posizzjoni ġeografika u l-kwadru statistiku ta' *ICES* jew *CECAF*,

   — il-kwantità (f'kilogrammi) ta' kull speċi ta' ħut fl-istivi, bl-użu tal-kodiċi msemmija fil-punt

   — il-kwantità (f'kilogrammi) ta' kull speċi maqbuda mit-trasmissjoni ta' qabel,

   — il-kwadru statistiku ta' *ICES* jew *CECAF* minn fejn ikunu ntrefgħu l-qabdiet tal-ħut,

   — il-kwantità (f'kilogrammi) ta' kull speċi trasferita lill-bastimenti oħra mit-trasmissjoni ta'qabel,

   — l-isem, is-sinjal tas-sejħa u, jekk tkun applikabbli, l-identifikazzjoni fuq barra tal-bastiment illi lejh ikun sar it-trasferiment,

   — l-isem tal-kaptan.

5. Il-messaġġi provduti f'punti 3 u 4 iridu jiġu trasmessi kif ġej:

5.1. Il-messaġġi jridu jiġu trasmessi permezz ta' stazzjon tar-radju fil-lista hawn taħt:

Isem	*is-sinjal tas-sejħa*
Lisboa	CUL
S. Miguel	CUG
Madeira	CUB
Tarifa	GAC
Chipiona	Chipiona radio
Finisterre	EAF
Coruña	Coruña radio
Cabo Peñas	EAS
Machichaco	Machichaco radio

5.2. Jekk għal raġunijiet ta' forza maġġuri jkun impossibbli għall-messaġġ li jiġi trasmess mill-bastiment awtorizzat, jista' jiġi trasmess f'isem dak il-bastiment minn bastiment ieħor.

5.3. Din il-lista ma timplikax li l-ispeċi kollha riferiti jrid ikollhom permess biex jinżammu abbord jew jitniżżlu l-art.[1]

A. Deep-water prawn (*Pandalus borealis*)
B. Marlozz (*Merluccius merluccius*)
C. Ħalibatt tal-Grenlandja (*Reinhardtius hippoglossoides*)
D. Bakkaljaw (*Gadus morhua*)
E. Bakkaljaw żgħir (*Melanogrammus aeglefinus*)
F. Ħalibatt (*Hippoglossus hippoglossus*)
G. Kavalli (*Scomber scombrus*)
H. Sawrell ta' għajnejh kbar (*Trachurus trachurus*)
I. Round-nose grenadier (*Coryphaenoides rupestris*)
J. Is-saithe (*Pollachius virens*)
K. Merlangu (*Merlangus merlangus*)
L. Aringa (*Clupea harengus*)
M. Sallur tar-ramel (*Ammodytes* spp.)
N. Sardin (*Clupea sprattus*)
O. Barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*)
P. Budakkra Norveġiża (*Trisopterus esmarkii*)
Q. Ling (*Molva molva*)
R. Oħrajn
S. Gambli (*Pandalidae*)
T. Inċova (*Engraulis encrassicholus.*)
U. Salmur raġel (*Sebastes* spp.)
V. Barbun tat-tbajja' Amerikan (*Hypoglossoides platessoides*)
W. Klamari (*Illex*)
X. Barbun tal-għajn ta' denbu isfar (*Limanda ferruginea*)
Y. Merlangu ikħal (*Gadus poutassou*)
Z. Tonn (*Thunnidae*)
AA. Blue Ling (*Molva dypterygia*)
BB. Tusk (*Brosme brosme*)
CC. Mazzola (*Scyliorhinus retifer*)
DD. Basking shark (*Cetorhindae*)
EE. Porbeagle (*Lamma nasus*)
FRF. Klamari loligo (*Loligo vulgaris*)
GG. Ray's bream (*Brama brama*)
HH. Sardin (*Sardina pilchardus*)
II. Gambli komuni (*Crangon crangon*)
JJ. Megrim (*Lepidorhombus*)
KK. Angler/Monk (*Lophius* spp.)
LL. Awwista Norveġiża (*Nephroos norvegicus*)
MM. Pollakkju (*Pollachius pollachius*)

[1] Il-kodiċi li għandu jiġi użat sabiex jindika l-kwantitajiet ta' ħut abbord kif imsemmi fil-punt 4

6. Mingħajr preġudizzju għall-istruzzjonijiet preskritti fir-reġistru tal-bastiment tal-Komunitajiet Ewropej il-messaġġi kollha tar-radju trasmessi bi qbil mal-punti 3 sa 5 għandhom jiġu rrekordjati fir-reġistru tal-bastimenti msemmi.

7. Awtoritajiet nazzjonali ta' kontroll li huma kompetenti biex jirċievu l-komunikazzjonijiet imsemmija f'punti 3 u 4:

Secretario General de Pesca Maritima (SEGEPESCA)
Ortega y Gasset, 57,
Madrid,
Telex 47457 SGPM E.